bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Joseph Cordina)
vs
Laurence Falzon, iben Joseph
imwieled iż-Żejtun fil-5 ta'
diċembru, 1959

Illum, 14 ta' ġunju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli bejn l-1 ta' awissu, 1997 u il-31 ta' marzu, 1998 f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
iffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus iffalsifikati li kien jaf li huma falsifikati u cioe' liri maltin.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta' marzu, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 18, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' ġunju, 2002 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda prova kontra l-imputat u kwalunkwe konsiderazzjoni ulterjuri hi superfluwa.

Għaldaqstant, issib lill-imputat mhux ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.